MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 699/2003

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Asfaltar Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet is-somma ta’ Lm262.40c (mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u erbghin centezmu) rappresentanti danni wara li s-socjeta’ konvenuta kkagunat hsara fil-propjeta’ ta’ l-istess socjeta’ attrici kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet li dak li gara kien minghajr htija jew b'kontribuzzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta qalet ukoll li tirriserva li tikkontrolla sew il-kwantum tad-danni.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Skond Victor Busuttil, Seniour Technician mas-socjeta' attrici, l-incident gara go Triq is-Salvatur, Qrendi meta skond il-permess li nghata lis-socjeta' konvenuta, s-socjeta' konvenuta ma kellha taghmel ebda xoghol f'din it-triq.

Paul Magro ghas-socjeta' konvenuta qal li kellu permess biex jahdem fejn gara l-incident. Skond Magro l-post fejn intlaqat il-cable kien fit-tarf tat-triq Santa Katerina. Paul Magro qal li l-cable ntlaqat bil-magna li tqaxxar it-triq. Paul Magro qal ukoll li qatt ma kkonferma mal-Pulizija li se jaghmel tajjeb ghad-danni.

Skond il-permess esebit, ix-xoghol ma kellux isir fi Triq is-Salvatur. Skond ir-Rapport tal-Pulizija d-danni gew kagunati f'cable fi Triq is-Salvatur, Qrendi.

Illi l-fatt li skond ir-Rapport tal-Pulizija Paul Magro qal li kien se jaghmel tajjeb ghad-danni u li l-incident gara fi Triq is-Salvatur jikkonfermaw il-versjoni tas-socjeta' attrici.

Illi f'kull kaz is-socjeta' konvenuta kellha tahdem b'attenzjoni mehtiega u ma jikkagunaw ebda hsara lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta ma gabitx provi biex turi li l-incident gara tort jew b'kontribuzzjoni tas-socjeta' attrici ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni ghalkemm is-socjeta' konvenuta rriservat id-dritt li tikkontrolla l-kwantum tad-danni, ma resqet ebda provi dwar l-istess u lanqas ma ghamlet ebda osservazzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta u tikkundanna l-istess socjeta' sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm262.40c (mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u erbghin centezmu) kif imsemmi fl-Avviz bl-imghax mill-15 t'April, 2003 u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------